**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tat-Tlieta 26 ta' Jannar 2016**

**Avviz numru 2/2013 JVC**

**Ivan Cauchi**

**-vs-**

**Mario Formosa u ghal kull interess li jista' jkollha mart l-istess Mario Formosa, Marianne Sagona**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn l-attur talab li l-konvenuti jhallsuh is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti minnu konsistenti fi (i) hsarat fuq il-vettura tal-marka Toyota RAV bin-numru tar-registrazzjoni EPS 001 konsegwenza ta' agir volontarju da parti ta' Mario Formosa li sehh fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) fi Triq ta' Barda, Marsalforn, fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex meta l-istess Formosa saq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni DBP 216 ghal gol-vettura ta' l-attur fuq imsemmija u (ii) danni ohra sofferti minnu kagun tan-non-uzu tal-vettura tieghu minhabba l-hsarat estensivi sofferti fil-vettura tieghu fuq imsemmija li kagun ta' dawn il-hsarat ma tistax tintuza. Ghal dan l-agir Mario Formosa kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata f'Marzu 2013 u bl-imghaxijiet mid-data tal-incident sad-data tal-hlas relattiv.

Qieghed jigi dikjarat li ghall-finijiet ta' kompetenza d-danni reklamati mill-attur ma jaccedux sebat elef Euro (Eur 7000).

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Rat ir-risposta guramentata ta' Mario Formosa fejn eccepixxa:

1. fl-ewwel lok u in liena preliminari hemm l-intempestivita' tal-azzjoni attrici billi l-esponenti qatt ma cahad li jhallas id-danni lill-attur tant li sa kien ghamel claim mal-kumpanija li maghha huwa assikurat u dan kien ftit jiem wara l-incident u kien gharraf b'dan lill-istess attur b'ittra gudizzjarja tat-3 ta' April 2013. L-esponenti kien cahad biss li l-incident kien sehh b'xi malizzja u b'dan kien wissa lill-attur fl-istess ittra msemmija sabiex jiddesisti minn akkuzi simili. Kien l-attur innifsu li sa kien irrifjuta li l-kumpanija tal-assikurazzjoni tal-esponenti taghmal *a without prejudice survey* fuq il-vettura tieghu biex tigi kwantifikata l-hsara u d-danni u kien hu li naqas li jikkopera mal-kumpanija tal-assikurazzjoni biex il-*claim* li ghamel l-esponenti tibda tigi processata. Kien biss wara li pprezenta l-kawza u l-mandat li l-attur kien beda jikkopera mal-kumpanija tal-assikurazzjoni biex tigi msewwija l-hsara. Kienet bil-wisq affrettata l-azzjoni gudizzjarja tal-attur meta gia kien jaf li l-kaz kien jinsab f'idejn il-kumpanija tal-assikurazzjoni tal-esponenti tant li sa kienu gia kkomunikaw mieghu u lanqas biss ta lok lill-kumpanija tal-assikurazzjoni tal-esponenti li l-ewwel tevalwa l-kaz, tistabilixxi l-hsara kagunata u li tikkwantifika d-danni realment sofferti u f'inqas minn xahar mill-incident ipproceda bl-azzjoni odjerna. Ghaldaqstant l-ispejjez kollha konnessi mal-kawza u mal-mandat ta' sekwestru ghandu jbaghtihom kollha l-attur.

2. bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni fil-mertu l-esponenti qatt ma cahad li jhallas lill-attur id-danni realment sofferti u ma kienx hemm lok li ssir din il-kawza.

3. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat illi fil-verbal tat-18 ta' Gunju, 2013 l-attur informa l-Qorti li l-assikurazzjoni tal-intimat assumiet ir-responsabbilta' ghall-hsarat fuq il-vettura biss u ghalhekk kellha tigi ridotta t-talba;

Rat in-nota guramentata tal-attur Ivan Cauchi datata 1 ta' Lulju, 2013 fejn huwa llimita t-talba tieghu u ddikjara li permezz ta' din il-kawza huwa qed jirreklama:

(i) spejjez li nkorra biex kera vettura sabiex ikollu vettura ohra li jkun jista' jutilizza matul il-perijodu li huwa ma setax isuq fit-triq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni EPS 001.

(ii) spejjez u drittijiet ta' din il-kawza u

(iii) spejjez u drittijiet tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 52/2013 li huwa in konnessjoni mal-mertu ta' din il-kawza.

Rat ix-xhieda, dokumentazzjoni u provi kollha li tressqu fl-atti.

Rat l-atti tal-mandat ta' sekwestru 52/2013.

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Novembru, 2015 il-partijiet iddikjaraw li ma fadlilhomx iktar kontro-ezamijiet u qablu li l-kawza setghet tigi differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh nhar it-12 ta' Marzu, 2013 ghall-habta tal-ghaxra ta' bil-lejl (10.00pm) fejn il-konvenut Mario Formosa li kien qed isuq il-vettura tieghu DBP 216 laqat il-vettura proprjeta' tal-attur Ivan Cauchi li kienet ipparkjata fi Triq Ta' Barda, Marsalforn, rizultat li l-vettura tal-attur garbet hsara konsiderevoli. Mario Formosa telaq minn fuq il-post. Dwar din il-kollizzjoni saru wkoll investigazzjonijiet permezz tal-pulizija u nfethu proceduri fil-Qorti Kriminali kontra l-konvenut li izda din il-Qorti mhijiex edotta jekk waslux ghall-konkluzjoni jew le. L-attur fetah il-kawza odjerna madwar tliet gimghat wara l-incident cioe' l-4 ta' April, 2013 kontra l-konvenut sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni li sofra l-attur u dan wara li kienet intbaghtet ittra ufficcjali lill-konvenut sabiex ihallas l-istess danni datata 18 ta' Marzu, 2013 liema ittra giet notifikata lil Mario Formosa nhar il-25 ta' Marzu, 2013. Flimkien mal-kawza gie ntavolat mandat ta' sekwestru bin-numru 52/2013 kontra l-konvenut. Jirrizulta li fil-mori qabel ma nfethet il-kawza ntbaghtet ittre datata 1 ta' April, 2013 (fol. 27) mill-

Avukat tal-attur lill-Avukat tal-konvenut fejn dan intalab jekk kellux risposta dwar x'ser jaghmel il-klijent tieghu ghal-liema ma jidhirx li kien hemm risposta qabel infethet il-kawza. Irrizulta wkoll li mal-kawza ntabghet ittra ufficcjali lill-kumpanija assikuratrici Citadel liema kumpanija ma jidhirx li kienet ikkuntattjata qabel il-kawza mill-attur sabiex tigi nfurmata bil-kawza. Fil-mori tal-ewwel seduta tal-kawza li kienet fit-18 ta' Gunju, 2013, il-kumpanija assikuratrici accettat ir-responsabilta' tal-incident u hallset id-danni relatati mal-vettura izda rrifjutat li thallas ghall-kiri tal-vettura reklamat mill-attur cioe' fl-ammont ta' €1848 (original a fol. 67 tal-process) ghajr ghal numru ta' jiem approvati mis-'surveyor' Natalino Agius liema jiem gew fil-fatt mhallsa mis-socjeta' assikuratrici. Jirrizulta li sa dakinhar tal-ewwel smiegh tal-kawza cioe' t-18 ta' Gunju, 2013 il-vettura tal-attur kienet msewwija u lesta. Konsegwenti ghal dan kollu l-kawza suppost giet limitata ghall-ispejjez rimanenti tal-kirja tal-vettura flimkien mal-ispejjez legali nkluz il-mandat ta' sekwestru bin-numru 52/2013 stante li ma kienx hemm qbil fuqhom;

Da parti tieghu l-konvenut sa mill-bidu tal-proceduri ma kkontestax ir-responsabbilta' tieghu ghall-incident izda eccepixxa l-intempestivita' tal-proceduri b'mod partikolari jsostni li permezz ta' ittra ufficcjali datata 3 ta' April, 2013 (kopja fl-atti tal-mandat ta' sekwestru) huwa ammetta r-responsabbilta' tal-incident izda cahad biss li l-incident kien sar b'xi malizzja. Il-konvenut isostni wkoll li s-socjeta' assikurattiva qabel il-proceduri kienet ikkuntatjat lill-attur sabiex isir *'without prejudice survey'* izda dan irrifjuta u ghalhekk il-konvenut isostni li m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u lanqas tal-mandat ta' sekwestru. Irrizulta izda li dan il-kuntratt fil-fatt sar fil-mument li l-attur kien gia ntavola l-proceduri odjerni ghalkemm mhux neccessarjament kienu notifikati lill-konvenut u lanqas kienu noti lis-socjeta' assikurattiva. Fuq l-istess linja it-tieni eccezzjoni tal-konvenut issostni li fil-mertu l-konvenut qatt ma cahad li jhallas lill-attur id-danni realment sofferti u ma kienx hemm lok li ssir il-kawza.

Minn analizi tal-atti jirrizulta lil din il-Qorti illi l-punti verament in kontestazzjoni bejn il-partijiet f'din il-kawza kienu li jsegwu:

1. Il-volontarjeta' tal-att da parti tal-konvenut li l-attur isostni li l-konvenut habat apposta fil-vettura tieghu ghaliex kien qed jallega li l-attur kellu relazzjoni ma' mart il-konvenut;

2. Is-somma reklamata ghall-kiri ta' vettura stante li l-konvenut isostni li mhux minnu li nkriet il-vettura;

3. L-ispejjez tal-kawza u s-sekwestru minhabba l-intempestivita'.

Dwar il-volontarjeta' tal-att jirrizulta li f'kawza civili bhalma hi dik odjerna din il-Qorti mhijiex rikjesta li tiddistingwi jew tiddeciedi bejn jekk l-att kienx wiehed volontarju jew le izda biss jekk il-konvenut hux responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-incident u xejn aktar. Dwar jekk l-att kienx wiehed volontarju jew malizzjuz dan huwa kompitu se mai tal-Qorti Kriminali u mhux il-Qorti odjerna. F'dawn l-atti din il-Qorti kellha ammissjoni, sa mill-bidu tal-proceduri, tar-responsabbilita' tal-incident u ghalhekk jirrizulta li l-hafna u hafna provi li tressqu dwar dan il-punt f'dawn l-atti saru tista' tghid kollha ghal xejn b'hela ta' rizorsi tal-Qorti kif ukoll tal-partijiet apparti l-ispejjez kollha li kienu nvoluti. Jirrizulta li din l-Qorti kif preseduta dahlet f'istadju ferm inoltrat ta' din il-kawza ghaliex altrimenti zgur li ma kinitx ser tippermetti dan id-dewmien fil-kawza tista' tghid ghal xejn. Fil-fatt fl-ahhar seduta din l-Qorti gabet dan kollu a konjizzjoni tal-Avukat tal-attur u meta staqsiet ghalfejn il-linja ta' domandi meta r-responabbilta' kienet ammessa kienet l-istess avukat tal-attur li ammettiet li kollox kien qed isir ghall-'*pound of flesh*' minhabba l-pika bejn il-partijiet relatata mal-allegata relazzjoni ta' mart il-konvenut u l-attur. Din zgur li ma hix raguni tajba li wasslet sabiex kawza li setghet facilment tigi deciza sa mis-16 ta' Gunju, 2013 baqghet titwal sa kwazi tliet snin wara. Il-Qorti tqis ghalhekk li dan kollu ghandu jkun rifless fid-decizjoni dwar l-ispejjez tal-proceduri aktar 'il isfel.

Fir-rigward tad-danni sofferti m'hemmx dubju mill-atti li l-konvenut ammetta ab inizio r-responabbilta' tal-incident u ghalhekk ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur. Fil-fatt jirrizulta li s-socjeta' tal-assikurazzjoni tal-konvenut halset id-danni kollha sofferti fuq il-vettura u dan sahansitra sa qabel l-ewwel dehra tal-kawza ghalkemm wara l-intavolar tal-kawza kif ukoll hallset il-kiri ta' vettura ghal numru ta' jiem kif approvati mis-'surveyor'. Dan ukoll jikkonsisti f'ammissjoni cara tar-responabbilta' apparti wkoll in-numru ta' ittre li gew esebiti (fol 81 accettazzjoni datata 2 ta' Mejju, 2013) minn fejn tirrizulta l-ammissjoni tar-responabbilta' da parti tas-socjeta' assikurattiva. Is-socjeta' assikurattiva izda ghamlitha cara fl-atti ta' dawn il-proceduri anki permezz tar-rapprezentanti taghha li ma kinitx qed taccetta li thallas

kera ta' vettura oltre l-jiem dikjarati mis-'surveyor' kif ukoll l-ispejjez tal-kawza ghaliex issostni li l-attur ghaggel ferm li jiftah il-kawza u li dawn il-proceduri setghu facilment jigu evitati. Il-konvenut da parti tieghu isostni ghal aktar minn darba fl-atti dubji tieghu dwar jekk verament l-attur keriex il-vettura in kwistjoni jew le skont kif jevidenzja d-dokument a fol. 67 tal-process.

Illi dwar il-kirja tal-vettura l-prova sal-grad rikjest mil-ligi tal-istess kellha tigi mill-attur fuq il-bazi li min jallega jrid jipprova. Bhala prova principali ta' din il-kirja l-attur ipprezenta dokument intitolat *'car rental and insurance agreement'* a fol. 67 tal-process li minnu jidher li nkriet vettura bin-numru ta' registrazzjoni FQZ 363 lil Ivan Cauchi ghal numru ta' '76 + 8' granet ghas-somma ta' €1848. Mill-provi rrizulta li l-perjodu bejn is-27 ta' Mejju, 2013 u l-15 ta' Gunju, 2013 thallas mis-socjeta' assikurattiva bir-rata ta' €14 kuljum. Fil-bqija l-attur qed jippretendi l-hlas tas-somma rimanenti. Din il-Qorti izda nnutat xi kontradizzjonijiet bejn dan id-dokument u provi ohra fl-atti kif isegwi:

a) Fuq id-dokument in kwistjoni jidher li l-vettura tal-kiri giet mikrija nhar it-12 ta' Marzu, 2013. Skont l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-vettura giet mikrija l-ghada tal-incident izda jirrizulta li l-ghada tal-incident kien it-13 ta' Marzu, 2013 u mhux it-12 ta' Marzu, 2013. Fil-fatt nhar it-12 ta' Marzu, 2013 l-incident sehh tard bil-lejl u certament li l-attur ma marx jikri l-vettura wara l-10.00 ta' bil-lejl. Il-Qorti ghalhekk tqis li dokument a fol. 67 tal-process ma jurix il-verita' zgur ghal dik li hi d-data meta nbdiet l-allegata kirja tal-vettura;

b) a fol. 25 tal-process tinsab ittra ufficcjali mibghuta mill-attur datata 18 ta' Marzu, 2013 fejn specifikatament jigi dikjarat fiha li:

'il-mittenti jinfurmak li peress li l-vettura ma tistax tintuza minhabba l-hsarat li fiha, huwa ser ikollu jikri vettura ohra u ghalhekk il-kera ta' l-istess vettura ser ukoll tigi mizjuda mad-danni.'

Il-Qorti tqis li dan il-kliem huwa car fis-sens li fit-18 ta' Marzu, 2013 kien qed jigi dikjarat li l-attur 'ser ikollu jikri vettura' u dan ma jfisser xejn aktar hlief li sa dakinhar kien ghadu ma keriex il-vettura. Dan ukoll jikkontradixxi d-dokument esebit a fol. 67 tal-process;

c) A fol. 81 tal-process tinstab ittre mibghuta mill-Avukat tal-attur lis-socjeta' assikurattiva bhala risposta ghall-fatt li permezz ta' ittre ohra datata 2 ta' Mejju, 2013 is-socjeta' assikurattiva accettat li thallas id-danni relatati mal-vettura. F'din ir-risposta datata 2 ta' Mejju, 2013 l-Avukat tal-attur tistaqsi dwar jekk is-socjeta' assikurattiva hux ser thallas ukoll ghall-ispejjez tal-kawza izda mkien ma ssemmi l-ispejjez ghall-kiri tal-vettura li skont id-dokument a fol. 67 tal-process inkriet fit-12 ta Marzu, 2013. Il-Qorti tinsab certa li kieku l-vettura kienet verament mikrija l-attur tramite l-Avukat tieghu ma kienx ser jonqos milli jistaqsi wkoll dwar l-ispejjez tal-istess kirja, liema spejjez sa dakinhar bir-rata ta' €22 kuljum kienu gia telghu ghal somma gmielha, probabbli aktar mill-ispejjez biex infethet il-kawza. Din ukoll hija kontradizzjoni li l-Qorti tqis li tevidenzja li d-dokument a fol. 67 ma jurix il-verita.'

d) A fol. 83 tal-process tinstab ittre ohra tal-Avukat Simone Grech datata 29 ta' April, 2013 mibghuta wkoll lis-socjeta' assikurattiva fejn jigi dikjarat kif isegwi:

*'Kindly treat the case as urgent as my client has been without the use of the car for over a month.'*

Ghall-Qorti dan ifisser li certament sad-29 ta' April, 2013 mhux minnu li l-attur kien qed jikri vettura altrimenti dan il-punt tant importanti ma kienx jithalla barra mill-kummenti tieghu mibghuta lis-socjeta' assikurattiva;

e) Finalment dak li izda jikkonvinci lil din il-Qorti li d-dokument a fol. 67 ma jirriflettix il-verita' dwar l-allegata kirja tal-vettura hija x-xhieda tal-istess attur fl-atti fejn a fol. 220 et seq fil-kontro-ezami tieghu filli jixhed li l-vettura tal-kiri huwa kellu bzonnha ghal ragunijiet familjari:

'Avukat: Mela jekk toqghod ir-Rabat u tahdem ir-Rabat kien hemm xi bzonn partikolari li tikri karozza ghal dak it-tul ta' zmien?
Xhud: Ovvja, ghax jiena barra li nahdem ghandi wkoll familja u jkolli bzonn niehu lit-tfal privat whatever, ifhimni, fejn ikun hemm bzonn.' (fol. 226)

Izda f'nifs wiehed jiddikjara li l-mara tal-attur sahansitra ma kinitx taf b'din il-vettura allegatament mikrija:

'Xhud: Tal-kera kont inhalliha pparkjata Pjazza Sant Wistin.
Qorti: U l-mara ma kinitx taf biha?
Xhud: No no kinitx taf biha.
Avukat: Eh jigifieri l-mara ma tafx biha?
Xhud: No ma kinitx taf b'din il-karozza.' (fol. 230)

u jkompli jixhed li kien izommha mohbija mill-mara biex din tal-ahhar ma taghtix informazzjoni lill-konvenut dwar il-movimenti tieghu.

Din il-Qorti ssibha ferm difficli biex temmen kif l-attur kien jirnexxielu juza vettura li allegatament kera sabiex jaqdi l-bzonnijiet familjari tieghu meta kien effettivament qed izommha mohbija minn martu. Anki li kieku wiehed kellu jaccetta l-argument li l-mara ma kinitx taf biha, li kieku huwa verament kien iwassal it-tfal b'din il-vettura ghall-privat ecc kif jallega zgur li b'xi mod dawn kienu jinfurmaw lil ommhom. Ghal din ir-raguni wkoll il-Qorti ma temminx li d-dokument a fol 67 huwa veritier.

Huwa minnu li telghu jixhdu r-rapprezentanti tal-Gozo Garage u li kkonfermaw li l-vettura giet mikrija u mhalsa kontanti izda l-Qorti ma tqisx li din ix-xhieda hija bizzejjed sabiex tnehhi d-dubji kbar li ghandha dwar jekk din il-vettura gietx verament mikrija jew le fic-cirkustanzi anki ghaliex ix-xhieda hija kollha relatata ma' dokumenti li din il-Qorti tqis li mhux veritiera. Fir-rigward tad-dokumenti l-ohra esebiti mill-istess rapprezentanti tal-kumpanija tal-kiri l-Qorti tqis li dawn facilment setghu gew fabbrikati jew irrangati anki ghaliex kif jidher fuqhom hemm indikat in-numru ta' granet li suppost inkriet il-vettura liema jiem certament iddahhlu wara l-jum li fuqu tidher li nkriet il-vettura (ghax dakinhar tal-kirja l-attur ma setax ikun jaf kemm ser idum bil-vettura) li ghal darb'ohra hija ndikata bhala t-12 ta' Marzu, 2013 fid-9.00a.m. u dan meta l-incident li konsegwenza tieghu suppost l-attur kellu l-bzonn li jikri vettura sehh dakinhar stess izda fl-10.00 ta' filghaxija!. Dan il-fatt gia jqajjem dubju reali fuq il-genwinita' wkoll ta' dawn id-dokumenti. Apparti minn hekk skont id-dokument a fol. 67 l-attur kera vettura ghal '76 + 8' granet li jammontaw ghal 84 meta fil-fatt jekk wiehed jghodd il-granet indikati fuq id-dokumenti ndikati bhala 'vehicle movements' a fol. 205 et seq tal-process dawn jammontaw ghal 87. Li kieku wiehed kellu verament jemmen li l-vettura nkriet mit-12 ta' Marzu, 2013 sakemm din giet suppost ritornata fil-15 ta' Gunju, 2013 jirrizulta fil-fatt li kienu ddekorrew 96 gurnata u la 87 u wisq anqas 84. Ghal dawn ir-

ragunijiet kollha l-Qorti tqis li la darba d-dokument 67 huwa wiehed inveritier kif ukoll id-dokumenti l-ohra relatati u mhumiex ta' min joqghod fuqhom ma jirrizultax lil din il-Qorti li l-pretensjoni fir-rigward tal-kirja tal-vettura da parti tal-attur giet sufficjentement pruvata fl-atti sal-grad rikjest mil-ligi.

Il-Qorti ghalhekk tqis li in parte t-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija gjustifikata fis-sens li tqis li l-ispejjez tal-allegata kirja tal-vettura mill-attur ma gewx realment sofferti mill-attur u ser tghaddi sabiex tichad kwalunkwe pretensjonijiet fil-konfront tal-allegat hlas fuq il-kirja tal-vettura.

Oltre l-kirja tal-vettura l-unika pretensjonijiet li jibqa' da parti tal-attur huma l-ispejjez tal-kawza u tal-mandat ta' sekwestru numru 52/2013.

Illi fir-rigward tal-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 52/2013 jirrizulta lil din il-Qorti li fis-17 ta' Mejju 2013 kien hemm digriet ta' din il-Qorti izda diversament preseduta fejn talba ghar-revoka tal-istess mandat gie michuda wara li gie ddikjarat kif isegwi:

'Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti Mario Formosa billi filwaqt li tilqa' r-risposta ta' l-intimat, tichad it-talba ta' Mario Formosa ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-Numru 52/2013JD fl-ismijiet 'Ivan Cauchi vs. Mario Formosa'.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri a karigu tar-rikorrenti Mario Formosa.'

Il-Qorti tqis li in vista ta' dan id-digriet ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha oltre dwar l-ispejjez tas-sekwestru 52/13 kif ukoll l-ispejjez tal-procedura tar-revoka stante li dan il-punt gia gie ampjamanet dikuss u deciz mill-Qorti diversament preseduta fejn iddecidiet li l-ispejjez kellhom ikunu a spejjez ta' Mario Formosa. Din il-Qorti tiddikjara li taqbel mar-ragunijiet moghtija minn dik il-Qorti li ma akkoljitx ir-revoka u tqis li l-istess ragunijiet japplikaw sabiex jigi konfermat f'dan l-istadju li ghall-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru bl-atti kollha relattivi ghandu jaghmel tajjeb il-konvenut Mario Formosa.

Fir-rigward tal-ispejjez tal-kawza l-Qorti tqis li l-istess motivazzjoni mqajma fid-digriet li fih giet michuda t-talba ghar-revoka tas-sekwestru

japplika wkoll ghall-ispejjez tal-kawza u ghalhekk il-Qorti taghmel taghha l-istess motivazzjonijiet kontenuti fid-digriet tas-17 ta' Mejju, 2013. In oltre, apparti li verament *prima facie* jista' jidher li l-attur ghaggel ftit zejjed li ntavola l-proceduri permezz ta' kawza tliet gimghat wara l-incident minghajr ma' lanqas kienet giet ikkuntattjata s-socjeta' ta' assikurazzjoni, min-naha l-ohra jirrizulta wkoll li l-konvenut (li t-tort tal-incident huwa unikament tieghu) ma marx jigri jaghmel il-'claim' izda kienu biss cirkustanzi oltre l-kontroll tieghu li gaghluh imur jaghmel l-istess 'claim' anki meta wiehed jikkunsidra li originarjament sahansitra telaq minn fuq il-post tal-incident. Finalment izda li kieku l-konvenut ma kkomettix l-incident (volontarjament jew le) l-attur ma kienx ikollu jintavola dawn il-proceduri u ghalhekk il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri li huma rizultat biss tal-incident li kkawza hu stess u xejn aktar. Ghalhekk il-Qorti ser tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. Izda kif gia espost minn din il-Qorti aktar 'il fuq jirrizulta li sa mill-ewwel seduta tat-18 ta' Gunju, 2013 din il-kawza tista' tghid twalet biss minhabba pika tal-attur mal-konvenut kif inghad fl-atti ghall-'*pound of flesh'* u tressqu bosta provi dwar ir-responabbilta' tal-incident li ma kienx hemm bzonnhom u ghalhekk il-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkustanzi l-attur ghandu jbaghti parti mill-ispejjez tal-proceduri.

Illi finalment fir-rigward tal-konvenuta Marianne Sagona li giet imharrka f'din il-kawza 'ghal kull interess li jista' jkollha' rrizulta car lil din il-Qorti li hija ma kinitx involuta fl-incident u ghalhekk bl-ebda mod ma tista' tkun responsabbli ghad-danni konsegwenti mill-istess incident. Ghal dawn ir-ragunijiet hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u ma ghandha tbaghti l-ebda spejjez rizultanti minn dawn il-proceduri.

**Decizjoni:**

Ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici fid-dawl ta' dak deciz aktar 'il fuq u limitatament kif isegwi:

1. Tiddikjara li l-konvenut Mario Formosa kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-12 ta' Marzu, 2013 fejn huwa kien qed isuq il-vetura DBP 216 u habat mal-vettura pparkjata proprjeta' tal-attur bin-numru EPS 001 u li konsegwentement huwa

responsabbli ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur rizultanti mill-istess incident;

2. Tillibera mill-osservanza tal-gudizzju u hlas ta' spejjez lill-kovenuta l-ohra Marianne Sagona;

3. Tiddikjara li l-ispejjez relatati mad-danni sofferti mill-vettura tal-attur konsegwenza tal-incident kif ukoll relatati mal-kirja tal-vettura kif dikjarati mis-surveyor tas-socjeta' assikurattiva tal-konvenut gia gew imhallsa lill-attur qabel id-data ta' din id-decizjoni u ghalhekk ma hemm l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tal-konvenut dwar l-istess spejjez da parti tal-attur;

4. Tilqa' in parte t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Mario Formosa u tiddikjara li l-attur ma rnexxielux jipprova sal-grad rikjest mil-ligi danni ulterjuri fir-rigward ta' kiri ta' vettura alternattiva u tichad il-pretensjonijiet kollha tal-attur dwar l-istess;

5. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Mario Formosa.

6. Tordna li l-ispejjez kollha relatati mal-mandat ta' sekwestru 52/2013 ghandhom ikunu sopportati unikament mill-konvenut Mario Formosa.

7. Ghar-ragunijiet suesposti l-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba ghandhom jigu sopportati terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenut.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur